# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**14 ta' Jannar, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Pauline Grech *noe*

*versus*

Nazzareno Zammit

## Kontumaċja – Purgazzjoni

*Eżaminati l-provi, u wara li anki reġgħet semgħet lill-konvenut, din il-Qorti ffurmat il-konvinzjoni illi dak li għamel il-konvenut m'għamlux b'dispett jew b'kontumelja jew bi spirtu ta' disubbidjenza għall-ordni tal-Qorti meta ġie msejjaħ biex jidher quddiemha bl-avviż taċ-ċitazzjoni.*

*Dan l-aspett psikoloġiku jikkostitwixxi l-bażi ta' l-istitut tal-purgazzjoni tal-kontumaċja.*

*Fil-każ preżenti tirrikorri dik iċ-ċirkostanza ġà ravviżata fil-ġurisprudenza ta' "...una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili...".*

1. Fit-3 ta' Lulju, 1990, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat, f'din il-kawża, sentenza, li essenzjalment tinqara hekk:

*Omissis;*

Talbet l-attriċi lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lura lill-attriċi *nomine* s-somma ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltija rappreżentanti l-ammont minnha maħruġ biex hu akkwista l-fond numru ħdax Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, bl-interess legali mid-data ta' l-akkwist sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat ir-rikors tal-konvenut għall-fini ta' ġustifikazzjoni tal-kontumaċja tiegħu u r-risposta għalih mill-attriċi fejn opponiet;

Semgħet lill-konvenut bil-ġuramenti;

Ikkunsidrat li kwantu għall-kontumaċja tal-konvenut, jirriżulta li dan ġie debitament innotifikat bl-att taċ-ċitazzjoni validament fit-18 ta' Settembru 1989;

Fir-rikors tiegħu, il-konvenut ippremetta li mar jikkonsulta lill-Avukat tiegħu fit-2 ta' Ottubru 1989 dwar il-kawża u baqa' miegħu li fil-jum tat-Tnejn 9 ta' Ottubru 1989 huwa kellu jiltaqa' ma' l-avukat tiegħu biex jiġu ppreżentati u maħlufa l-eċċezzjonijiet in kontestazzjoni tat-talba attriċi. Ġara però, skond ma xehed il-konvenut, li huwa, sajjied *di mestiere*, ħareġ jistad u dam oltre miż-żmien li fih kellu l-appuntament mal-legali tiegħu u li, per konsegwenza, skadilu t-terminu. L-argument tal-konvenut huwa illi huwa ma setax jaħlef l-eċċezzjonijiet minħabba raġunijiet indipendenti mill-volontà tiegħu;

Illi huwa minnu li jekk tassew il-konvenut baqa' fuq il-baħar fid-9 ta' Ottubru, 1989, tul il-jum kollu huwa kien fl-impossibbilità li jixhed b'ċertezza assoluta għaliex fid-deposizzjoni tiegħu l-konvenut ma indikax data waħda. B'danakollu, il-Qorti tirraviża xorta waħda aġir kolpuż u negliġenti da parti tal-konvenut li jirrendi t-talba tiegħu mhux iġġustifikata. Ibda biex, il-konvenut ħalla tnax-il jum jiddekorru biex jikkonsulta l-avukat tiegħu, u dan meta kien edott bil-fatt li skond il-liġi kellu jwieġeb fi żmien għoxrin (20) jum. Barra minn dan però, l-appuntament biex jaħlef in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tħalla għad-9 ta' Ottubru, 1980, u ċjoè proprju fit-tarf ta' l-għeluq ta' dan it-terminu. Li kieku l-konvenut uża d-diliġenza ta' *bonus paterfamilia* żgur ma kienx iħalli kollox għall-aħħar jum, kien inoltre messu kkonsulta lill-avukat ferm qabel u akkost ta' kollox jara li jagħmel dak li kellu jagħmel tempestivament, kif *'del resto'* kellu kull opportunità li jagħmel li kieku ma ħax riskji. Anki l-mod li bih xehed il-konvenut ma tantx jagħti affidament lit-teżi tiegħu. Din hija parti mix-xiehda li ta fis-seduta tal-15 ta' Mejju 1990:

"L-Avukat tiegħi kien qalli biex niġi l-Qorti u jiena mingħalija kont ġejt, però ma nafx kif konna bqajna";

Għal dawn il-motivi:

Il-Qorti tiċħad it-talba tal-konvenut u tiddikjara lill-konvenut bħala kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u tordna bil-prosegwiment tal-kawża";

2. L-appell tal-konvenut jillamenta illi huwa ma kienx negliġenti u l-kontumaċja tiegħu ma kinitx waħda kolpuża, u għalhekk huwa għandu jiġi ammess biex jippurga l-kontumaċja;

3. (a) Il-ġurisprudenza li toħroġ mid-diversi sentenzi tal-qrati, meta eżaminaw il-problema tal-purgazzjoni tal-kontumaċja, kif artikolata speċjalment fis-sentenza ta' din il-Qorti – Sede Inferjuri – fil-kawża Cassar *vs* Vassallo tad-29 ta' Mejju 1937 – XXIX.I.1581, u kif kompliet tiżviluppa minn dak iż-żmien sal-lum, għandha sservi biex tirrisolvi l-problema ta' dan l-appell;

(b) Eżaminati l-provi, u wara li anki reġgħet semgħet lill-konvenut, din il-Qorti ffurmat il-konvinzjoni illi dak li għamel il-konvenut m'għamlux b'dispett jew b'kontumelja jew bi spirtu ta' disubbidjenza għall-ordni tal-Qorti meta ġie msejjaħ biex jidher quddiemha bl-avviż taċ-ċitazzjoni. Dan l-aspett psikoloġiku jikkostitwixxi l-bażi ta' l-istitut. Jekk il-Qorti tifforma konvinzjoni kuntrarja, allura eżami ulterjuri ta' fatturi oħra jkun neċessarju jekk dik il-konvinzjoni ma tkunx kompletament ċerta u soda;

(ċ) L-ewwel fattur li jrid jiġi kkunsidrat huwa dak tal-volontarjetà. Il-konvenut mar biċ-ċitazzjoni għand l-avukat tiegħu xi ġimgħa qabel id-data limiti biex jista' jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet. Is-sentenza appellata dehrilha illi l-konvenut kien negliġenti meta ħalla jgħaddu tnax (12)-il ġurnata biex mar għand l-avukat, però jidher li sfuġġilha l-fatt illi meta ċ-ċitazzjoni ġiet innotifikata lill-omm il-konvenut, huwa kien fuq il-baħar, u ma ġiex stabbilit meta, sewwa sew, huwa daħal mis-sajda u meta ngħata ċ-ċitazzjoni. L-appuntament biex jaħlef in-nota tħalla għall-aħħar, però ma rriżultax li dan l-appuntament kien ġie stabbilit mill-konvenut b'mod li minn dan l-element jista' jiġi dedott illi dan kien aġir negliġenti li jammonta għall-kolpa;

(d) Il-konvenut avvanza bħala kawża li tiġġustifika n-nuqqas tiegħu inkwantu huwa bħala sajjied impjegat ma'

ħaddieħor kien leġittimament impedut milli jattendi għall-ġurament tad-dikjarazzjoni li takkumpanja n-nota ta' eċċezzjonijiet u dan l-impediment fiżiku ma kienx jiddependi mill-volontà tiegħu. Fil-każ preżenti tirrikorri dik iċ-ċirkostanza ġà ravviżata fil-ġurisprudenza ta';

"*...una necessità impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*" (App. Inf. 3-7-1926 – Callus *vs* Chircop XXVI.I.321) billi huwa ġie msejjaħ mill-padrun tal-luzzu li fuqu jaħdem bħala sajjied, biex joħroġ għas-sajda;

4. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddeċidi li l-konvenut iġġustifika l-kontumaċja li waqa' fiha u għalhekk qed tilqa' l-appell tiegħu u qed tibgħat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex hemmhekk titkompla l-kawża li fiha l-konvenut għandu jiġi ammess biex jippreżenta, jekk irid, nota ta' eċċezzjonijiet, skond il-liġi;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.